**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Seduta ta' nhar it-8 ta' Gunju, 2016.**

**Rikors Numru: 337/2012 CSH**

**Patrizio Prospero f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta Corporate Administrators**

**Vs**

**Fabian Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrentipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-10 ta' Ottubru 2012 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett elef u tmien mitt Ewro (€3,800) flimkien ma' VAT fl-ammont ta' sitt mija u erbgha u tmenin Ewro (€684.00) ammontanti b'kollox ghal erbat elef, erba' mija u erba' u tmenin Ewro (€4,484) prezz ta' servizzi professjonali rezi lilu fuq inkarigu moghti minnu stess.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimat minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Fabian Vella li giet prezentata fis-26 ta' Ottubru 2012 fejn eccepixxa:

*"It-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur pro et nomine stante li s-servizz minnu rez lill-konvenut ma kienx skond is-sengha u l-arti u ma kien ta' ebda utilita' ghall-istess konvenut, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Semghet ix-xhireda prodotta mill-partijiet.

**Patrizio Prospero** xehed bl-Ingliz fit-18 ta' Marzu 2013 fejn iddikjara li huwa raprezentant tal-kumpanija Corporate Administrators li tifforma parti minn grupp ta' kumpaniji li jaghmlu servizzi ta' accounting, awditjar u joffru servizzi finanzjarji. Barra x-xhud hemm Josef Galea bhala direttur. Ix-xhud spjega li Fabian Vella kien gie l-ufficju biex jitlob parir fuq *financial projection* u fuq *business plan* ta' kumpanija gdida. Huwa kellu bzonnhom biex jiehu loan mill-bank halli jiffinanzja progett li kellu. Dan il-progett kien jikkonsisti f'restorant, gym u xi kliniki ghat-tobba. Ix-xhud accetta li jaghmel dan ix-xoghol u talab lil Fabian Vella biex jaghtih aktar dettalji biex ikun jista' jahdem fuqhom. Huwa ried b'mod partikolari dettalji finanzjarji u *marketing research* li Mr. Vella kien ghamel personalment, ghax ma setax jahdem minghajrhom. Sussegwentament Vella baghtilhom l-informazzjoni li kellu u x-xhud ghamel *business plan* u raw il-*financial projections* li huma l-*profit and loss account*, il-*cash flow*, u dak kollu li huwa necessarju bhala *assets* u *liabilities* biex ikunu jistghu jaslu ghall-*evaluations* taghhom.

Ix-xhud stqarr illi kellhom tliet laqghat mal-Bank of Valletta fejn iddiskutew il-*business plan* in kwistjoni. Il-Bank ried ikun jaf fuq il-*management* u l-*operations* tar-restorant ghax kien imhasseb peress illi l-konvenut m'ghandux il-kapacita' u l-esperjenza necessarja biex imexxi restorant. Barra minn hekk

rapprezentant tal-bank mare fil-binja in kwistjoni u qal illi whud mill-*projections* tal-konvenut kienu diga' saru. Sussegwentement Vella ddecieda li jaghmel *outsourcing* tar-restorant lil xi hadd iehor. Din il-persuna kienet is-sid ta' Dixie Kiosk li qieghed il-Hamrun. Il-bank ma kienx sodisfatt b'dan u ghalhekk ghamlu zewg laqghat ohra.

Ix-xhud spjega li kienu qed japplikaw taht l-iskema Jeremie Fund ta' Bank of Valletta fejn kien rikjest li 25% tal-kapital jinhareg minn Fabian Vella. Spjega li pero' dan il-Jeremie Fund mhuwiex provdut mill-Banif Bank u allura Banif ried livell oghla ta' backup bhala garanzija. Mr Vella ma kienx kapaci joffri din il-garanzija mitluba ghax il-proprjeta' privata tieghu kienet diga' *pledged* mal-bank. Ghalhekk il-konvenut ipprova jaghmel valutazzjoni biex jasal ghall-ammont li l-bank kien qed jitlob. Pero' l-bank ra valutazzjoni precedenti u nduna li kien hemm differenza li ma kinitx gustifikata. Dan fir-rigward ta' Banif Bank.

Ix-xhud tenna li huma taw dan il-progett kemm lill-Banif u kif ukoll lil Bank of Valletta. Sostna li l-konvenut ipprova jbiddel aktar minn darba n-numri biex jidhru isbah pero' x-xhud qallu li huwa mhux lest li jaghmel dan ghax ghandu reputazzjoni tajba mal-bank. Sussegwentement il-konvenut mar l-ufficju tax-xhud fejn iggustifika xi kambjamenti fil-*projections*, pero' x-xhud tenna li ma setax ibiddel il-figuri ewlenin. Ghat-tielet darba x-xhud kellu jmur il-bank biex ibiddel il-progett, li fl-opinjoni tieghu kienet haga redikola. Ix-xhud wara staqsieh x'kien se jaghmel bil-bini la darba l-bank ma kienx qed jaccetta l-*projections*, izda Vella wiegbu li hu kien se jithallas, izda x-xhud qallu li ma kienx qed isaqsieh fuq hlas izda x'kien se jaghmel bil-progett.

Ix-xhud kien qed jistenna xi feedback. Huma jafu lill-konvenut bhala persuna b'reputazzjoni tajba u ghalhekk qatt ma talbuh depozitu tas-servizzi taghhom

pero' baqghu ma rcevew l-ebda pagament minn ghandu. Huwa sostna li ghalkemm ipprezentaw dan il-progett lil Banif Bank u lil Bank of Valletta, iz-zewg banek irrifjutaw illi jiffinanzjaw dan il-progett. Wara x-xhud baghtlu ittra biex jaraw x'se jaghmlu u fir-risposta tieghu l-konvenut beda jallega li x-xhud kien hlielu l-hin u li l-*projections* li kien ghamel ma kinux jaghmlu sens u l-*marketing study* ma kienx jissostanzja l-*projection*, liema *marketing study* kien ghamlu l-konvenut stess. Ix-xhud sostna li l-figuri li kellu kienu filfatt nghatawlu minn Fabian Vella stess. Vella allega li huma hlewlu l-hin u ma kienx lest li jhallas tas-servizzi li nghata. Spjega li l-kont taghhom jirrapprezenta l-hin, fejn ir-rata kienet bhala *hourly rate* u kienet ukoll bi skont. Normalment huma jitolbu €70 fis-siegha izda f'dal-kaz talbu €45. Mistoqsi mill-Qorti kemm-il siegha damu fil-progett wiegeb li ma jiftakarx bl-amment. Pero' damu erba' jew hamest ijiem shah fuq il-progett, erbghin siegha b'kollox. Huma ghamlu diversi laqghat mal-konvenut, mal-Bank of Valletta u zewg laqghat mal-Banif Bank. L-*invoice* jinsab ezebit u mmarkat mill-Qorti bhala Dokument 2 tal-atti. Vella ma hallas l-ebda parti tal-*invoice* u ma saru l-ebda laqghat rigward l-*invoice* hlief ghall-*email* li kien baghtlu x-xhud u li Vella kien irrisponda. Naturalment hekk kif ircevew l-*email* minn ghandu li tghid li ma kienx se jhallas, huma hadu azzjoni legali.

Fil-bidu l-konvenut kien staqsihom kemm jiswa s-servizz taghhom u x-xhud wiegbu li tigi madwar hamest elef Ewro (€5,000). Pero' l-kont irrizulta f'ammont inqas. Huwa sostna li s-success tal-progett ma jaffetwax dan l-ammont. Il-persentagg tal-iffinanzjar jew tal-profitt huwa wiehed mir-rati tas-servizz. Skont l-attur il-konvenut kien jaf b'dan kollu. Huwa kkonferma li s-servizzi li taw lill-konvenut saru b'mod professjonali u saru iktar fil-fond minn progetti ohrajn li kienu gew prezentati lill-bank u gew accettati. Huwa sahaq li huma ma jivvintawx figuri, izda dawn jigu mahduma skont il-*projections* li jkun tahom il-klijent. Filfatt jekk il-progett in kwistjoni kien isir kien ifalli u huwa lil

Vella kien qallu b'dan, pero' kieku Vella ried ikompli b'dan il-progett huwa kien lest li jibqa' jghinu.

In kontro-ezami x-xhud spjega li huwa kien ghamel *feasibility plan* li tinkludi *cash flow, forecasted profit and loss*, inkluza skeda tal-assi u kif ha jkunu *depreciated* (jonqos il-valur taghhom) mas-snin. Huwa qal li m'ghandu l-ebda problema li jezebixxi dawn il-kalkoli fis-seduta li jmiss.

**Patrizio Prospero** rega' xehed bl-Ingliz fid-9 ta' April 2013 fejn esebixxa kopja tal-*business plan* li huwa ghamel fuq struzzjoniijiet tal-konvenut. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok. YUE. Huwa esebixxa dokument iehor li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok. YUE1 li fih l-ammont ta' sighat li hadem ix-xhud fuq il-progett u kif inhuma mqassmin dawn is-sighat. Huwa spjega li ghandu sistema li tirrekordja l-ammont ta' sighat li jdum biex jahdem fuq progett partikolari li tinhadem f'sistema ta' units fejn kull unit jiswa nofs siegha li tiswa hamsa u tletin ewro (€35). Anness ma' Dok. YUE1 hemm invoice li kienet intbaghtet lil Fabian Vella. Jidher illi huma kienu tawh discount specjali ta' sitt mija u hamsin ewro.

Ix-xhud tenna li fil-*business plan* hemm spjegazzjoni tal-*operations* tal-kumpanija u hemm l-istrategija tal-kumpanija, hemm is-servizzi li ser tipprovdi u hemm analizi tas-suq u ohra finanzjarja. L-ahhar parti tal-analizi finanzjarja hemm *SWOT analysis (Strengths, Weaknesses, Opportunities and Threats)* u kien hemm ukoll il-*key success factor*. Huma pprezentaw dan il-*business plan* waqt it-tliet laqghat li kellhom il-Bank of Valletta u z-zewg laqghat mal-Banif Bank. Huwa sostna li naturalment din l-informazzjoni kienet giet moghtija lilu mill-konvenut. Apparti l-laqghat li hemm indikati f'dokument anness ma' Dok.

YUE1, huwa stqarr illi l-unts l-ohrajn jirraprezentaw il-hin li dam fuq il-*feasibility study*. Spjega li dan il-*business plan* huwa l-verzjoni finali ta' zewg *business plans* ohra li kienu ghamlu fuq struzzjonijiet tal-konvenut. Dan jinvolvi hafna sighat naturalment ghax kellhom ibiddlu d-decizjoni li kienu hadu qabel.

Huwa kkonferma li damu hamsin siegha biex jipprezentaw dan id-dokument flimkien ma' zewg dokumenti ohra li kienu gew prezentati qabel izda kellhom bzonn xi verifiki. Filfatt iz-zewg dokumenti l-ohra ghandhom kontenut differenti. Mistoqsi mid-difiza jekk ghandux kopja ta' dawn iz-zewg dokumenti wiegeb li iva izda mhumiex fuqu. Huwa prometta li jipprezenta dawn iz-zewg dokumenti fis-seduta li jmiss. Id-differenza kienet l-aktar fl-*operations* tar-restorant li fil-bidu kellu jiehu hsiebhom Fabian Vella stess. Pero' l-Bank of Valletta kellu dubju fuq dan il-fatt ghax Fabian Vella m'ghandux esperjenza fil-*catering*. Konsegwenza ta' dan Vella ssuggerixxa li jsib lil xi hadd espert fil-*catering* halli jehodlu hsieb. Ghalhekk kellhom jemendaw id-dokument fis-sens illi kellhom ibiddlu l-*operations* u jaghmluh kera u b'hekk kellhom ibiddlu l-figuri relatati ma' dan.

**Patrizio Prospero** kompla jixhed fit-18 ta' Gunju 2013 fejn iddikjara li in konformita' ma' dak  mitlub minnu fis-seduta precedenti ta' April 2013 biex jipprezenta verzjonijiet differenti tal-*business plan* li kien ipprezenta precedentement. Huwa ezebixxa z-zewg verzjonijiet ta' dan il-*business plan* li saru qabel l-ahhar wiehed li gie pprezentat diga. Dawn iz-zewg dokumenti gew immarkati bhala Dokumenti X u Y rispettivament. Dawn huma ghal zewg banek differenti, wiehed ghal Banif Bank u l-iehor ghall-Bank of Valletta. Huwa spjega li kienet inbidlet il-parti finanzjarja filwaqt li l-kumplament tar-rapport kien baqa' l-istess.

**Josef Galea** xehed fit-18 ta' Marzu 2013 u kkonferma li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur fis- socjeta' Corporate Administrators. Huwa kien involut f'dan l-inkarigu ta' Fabian Vella pero' ma ppartecipax ghal kull laqgha. Huwa kkonferma dak kollu li xehed Patrizio Prospero fil-presenza tieghu u m'ghandu xejn xi jzid ma' dak li ntqal mill-kollega tieghu.

**Fabian Vella** xehed fit-30 ta' Settembru 2013 fejn ikkonferma li huwa xtaq jaghmel *business plan* in konnessjoni ma' xi progett li kellu. Dan il-progett kien wiehed li jinvolvi servizzi holistici li jinkludu terapija, *rehabilitation*, *hydro therapy* u servizzi ohra ta' konsulenza w naturalment sabiex jaghmlu dan il-progett kellhom bzonn il-finanzi mill-bank. Ghalhekk huma xtaqu javvicinaw lill-bank sabiex ikunu jafu fejn qeghdin u kien propju hawnhekk li dahal fix-xena l-attur. Huma ghamlu certu ricerka biex jaraw x'kellu jsir rigwardanti l-progett fis-sens li ghamlu l-istudji taghhom biex jaraw ezattament x'kien hemm bzonn fis-suq u l-ghan ta' dan kien sabiex javvicinaw lill-bank.

Il-konvenut spjega li la ddecidew li jkomplu ghaddejjin b'dan il-progett kellhom bzonn is-servizzi ta' accouuntant. Kien ghalhekk li avvicinaw lill-attur fejn zammew *meeting* mieghu u spjegawlu n-natura tal-kuncett. Zied li kien hemm laqghat ohrajn, fejn ha xi nies ohrajn biex jispjegaw lill-attur u ahjar dwaril-progett li kellhom u flimkien bdew jistudjaw kif ha jimxu 'l quddiem. Huwa spjega li l-ewwel rapport li hareg l-attur kien gie rifjutat mill-Bank of Valletta ghax il-bank hass li l-konvenut ma kienx tajjeb bhala *caterer* u ghalhekk kellhom jergghu imorru lura biex jiddiskutu mas-Sur Prospero kif setghu jimxu 'l quddiem u kien hemm drabi fejn sahansitra ddiskutew jekk kienx aktar vijabbli li jgibu l-*catering* minn barra jew isibux xi alternattiva ohra. Il-konvenut qal li kien hemm diversi drabi fejn is-Sur Prospero kien jghidilhom

biex jiltaqghu fl-ufficju tieghu pero' mbaghad huwa ma kienx jattendi ghal dawn il-laqghat. Ghalhekk huma kienu jiddiskutu l-affarijiet mal-kollega tieghu certu Josef u ghalhekk stqarr li tkun qed titlef il-fil tal-kuncett. Il-konvenut qal li sussegwentament kienu hargu rapport *revised* u regghu marru bih il-Bank of Valletta biex jaraw jekk din it-tieni proposta setghetx tigi accettata. Sostna li huwa hass li bil-mod kif kien pprezenta r-rapport tieghu is-Sur Prospero, kien ikun ahjar ghalih li jwaqqaf il-process, ghax ma hassx li kien *worth it* li jitlef dan ic-cans biex imur il-bank u ghalhekk waqaf hemm mal-attur.

Mistoqsi jikkumenta fuq dak li qal l-attur fix-xhieda tieghu u cioe' li hu kien talbu biex ibiddel in-numri fir-rapport sabiex il-facenda tidher ahjar, wiegeb li dan ma kienx minnu. Qal li huwa dejjem pprova jfehmu x'kienet in-natura tal-kuncett li kellhom f'mohhhom. Sahaq li ghalkemm is-Sur Prospero fix-xhieda tieghu qal li l-progett kien wiehed redikolu, dan mhux minnu ghax illum il-gurnata fil-fatt dan il-progett qieghed isir u nghataw ukoll facilita' wara li ghamlu kuntatt ma' nies li tawhom hafna mportanza u dahlu aktar fin-natura tal-progett, fehmuh u ggwidawhom bl-ahjar modi possibbli.

Mistoqsi ghal min dar biex jiehu l-ghajnuna meta gab dan il-finanzjament mill-bank qal li dan kien certu Arthur Turner li huwa accountant. Filfatt kien ghamel *word document feasability report* u esebixxa dan ir-rapport li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument Z. U abbazi ta' dan id-dokument il-bank accetta u nghataw il-facilita'. Huwa prometta li fis-seduta li jmiss jipprezenta s-*sanction letter* li gie mibghut lilu mill-Bank of Valletta. Mistoqsi x'differenza hemm bejn ir-rapport mahrug minn Turner u dak maghmul mill-attur qal li mhux f'pozizzjoni li jikkumenta pero' kien lest li jharrek ix-xhud Turner biex jixhed f'din il-kawza.

Mistoqsi kemm il-laqgha kien hemm bejnu w bejn l-attur jew Josef Galea, x-xhud wiegeb li bl-amment ma jafx. Pero' ddikjara li ma kienx hemm aktar minn hames laqghat. Huwa kkonferma li l-attur ghamel zewg rapporti w li hu nghata kopja taghhom. Il-konvenut iddikjara li jahdem fil-*marketing*. Mitlub jghid jekk jaqbilx mal-kontenut ta' dawn ir-rapporti wiegeb li ma jifhimx la fil-*cash flows* u lanqas f'affarijiet simili ta' accounts, pero' zied li tant ma qabilx mar-rapport li ghamel l-attur, li t-tieni darba waqqfu w mar ghand accountant iehor. Mistoqsi jekk qabilx mal-ewwel rapport wiegeb li iva u le. Is-sustanza tar-rapport ma kienx wiehed dettaljat. Huwa stqarr li l-ewwel darba li kien inghata kopja tar-rapport kien qal lill-attur biex imexxi w zied jispjega li naturalment huwa kellu joqghod fuq l-attur bhala l-persuna li tifhem f'dan ix-xoghol u kien ghalhekk li kien tah il-*go ahead* biex imur il-bank fuq l-ewwel rapport. Il-konvenut dehrlu li l-attur ma fehemx is-suggett. Huwa mhux qed jilmenta minn kif gie mibni r-rapport. Din mhux is-sengha tieghu ghax kieku kien jaghmlu hu.

**Fabian Vella** xehed in kontro ezami fl-24 ta' Ottubru 2013 fejn esebixxa kopja tas-*sanction letter* li giet moghtija lilu mill-bank, liema dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument X. Qal li ghalkemm skont id-dokument X tirrizulta d-data ta' 16 ta' Settembru 2013, huwa qal li s-*sanction letter* fil-fatt kienet giet mahruga qabel. Iddikjara li l-progett fil-fatt bdew jahdmu fuqu diga. Qed isiru l-alterazzjonijiet fil-post fejn ser jigi operat dan il-progett in kwistjoni. Il-*general loan* li nghataw kienet ghas-somma ta' €35,000. Sostna li mal-Banif Bank, hu w l-attur kellhom biss laqgha, pero' rigward il-Bank of Valletta kienu ghamlu il-*projection* li kienet giet rifjutata u sussugwentement l-attur ghamel *projection* ohra, ghalkemm il-konvenut ma hassx li kellu jkompli biha.

Il-konvenut jaqbel li l-hlas ma kellux isir *on a success rate* pero' huwa kien lest li jhallas sakemm ix-xoghol ikun tajjeb. Dwar it-tieni *projection* li kien ghamel l-attur, il-konvenut qal li dan kien prezentah lill-Bank of Valletta w saru xi

diskussjonijiet dwaru. Pero' hu ma kienx sodisfatt bih u ghalhekk waqqaf lill-attur sabiex ma jitlifx ic-cans tieghu biex jottjeni l-loan. Huwa stqarr illi kien hu li waqqaf il-process mal-bank. Huwa ddikjara li qatt ma kien waqqaf lis-sur Prospero mill-inkarigu li kien tah, qabel ma effettivament kien waqqaf it-tieni projection mal-bank. Mid-domandai li beda jaghmil il-bank, huwa fehem li bil-materjal li huma ssuplew ma kienx hemm bizzejjed informazzjoni.

Sostna li hu kien qal lis-sur Prospero li ma kienx lest li jhallas il-kont li kien baghtlu minhabba r-ragunijiet li kienu validi ghalih. Ikkonferma li ghalih il-*business plan* ma kienx b'sahhtu u dan huwa bbazat fuq *marketing* u *financial consideration*. Huwa jaqbel li kien ta lill-attur l-informazzjoni li tirrigwarda l-*marketing*. Il-konvenut tenna li bil-fors ta garanzija lill-bank sabiex inghata s-*sanction letter,* u filfatt ta proprjeta' personali tieghu. Cahad li meta s-Sur Prospero pprezenta l-ewwel *projection*, hu ma kienx f'pozizzjoni li jaghti proprjeta bhala garanzija. Il-konvenut stqarr li lill-accountant il-gdid huwa kien tah l-istess informazzjoni li kien ta lis-Sur Prospero, w ghalhekk mhux minnu li huwa ta nformazzjoni lill-accountant il-gdid li ma kienx ta lis-sur Prospero. L-affarijiet kif gew prezentati mill-accountant il-gdid pero' effettivament kienu differenti. Insista li fil-fatt l-informazzjoni li ta lill-accountant kienet l-istess u li dak li kiteb l-accountant kienet decizjoni tieghu.

Il-konvenut tenna li l-figuri inbidlu dejjem, anke meta l-istess Prospero kien ipprezenta z-zewg *feasable studies* tieghu. Huwa stqarr li l-accountant il-gdid kien issuggerixxa li jinbidlu l-figuri u jaghmilhom kif jidhirlu hu. Fil-fatt il-loan li nghata l-konvenut kienet inqas minn dak li s-Sur Prospero kien talab originarjament. Meta gie ssugerit lix-xhud li effettivament kien hemm xi diskrepanza ta' xi hamsin elf Ewro (€50,000), huwa stqarr li dwar dan ma jafx. Zied li jista' jkun li effettivament l-istruttura inbidlet f'dak il-*business plan* li gie prezentat mill-accountant il-gdid, ghax huwa halla kollox f'idejh. Fil-fatt l-

accountant il-gdid iproponielu tibdil fl-istruttura w kien ghalhekk li r-rapport kien differenti.

Huwa qal li l-progett kienu ghadhom ma bdewx joperawh fix-xahar meta nghataw is-*sanction letter* izda kienu fl-istadju tal-istruttura. Huwa cahad li s-*sanction letter* in kwistjoni harget fil-bidu tas-sena 2012, pero' jaf li kienet kwistjoni ta' xhur qabel is-16 ta' Settembru. Il-konvenut gie muri dokument li l-Qorti mmarkat bhala Dokument S u spjega li din hija email li huwa kien baghat lis-Sur Prospero u li fiha certu domandi w osservazzjonijiet li kien ghamillu l-accountant fejn gew indikati nuqqasijiet fix-xoghol li kien ghamel is-Sur Prospero. Ghalhekk huwa lis-sur Prospero kien qallu ezattament fil-fehma tieghu x'kien ghamel hazin.

**Arthur Douglas Turner** xehed fl-14 ta' Novembru 2013 fejn iddikjara li huwa ghandu l-professjoni ta' awditur, accountant u konsulent u kkonferma li huwa kien gie avvicinat mis-Sur Fabian Vella u dan sabiex jaghmel *cash flow* bil-ghan li jigi prezentat lill-Bank of Valletta. Il-konvenut kien qallu li effettivament kien diga' pprezenta *cash flow* lill-Bank of Valletta tramite l-accountant li kellu qabel u fil-fatt kien ghaddielu kopja ta' dan il-*cash flow*. Ix-xhud gie muri dokument esebit fl-atti a fol. 22 sa 37 u qal li dan huwa l-istess *cash flow* li kien ipprezentalu qabel Fabian Vella. Dan kien gie prezentat lil Vella mill-International Corporate Advisor. Fil-fatt ix-xhud spjega li kien gharraf lill-konvenut li kienet saret applikazzjoni f'ismu taht il-Jeremie Scheme sabiex jottjeni self mill-bank. Staqsieh min kien il-manager tal-bank, ma' min kien qieghed jitkellem u dak qallu li kien jismu Godwin Mamo. Ix-xhud tenna li sahansitra mbaghad ikkomunika ma' Godwin Mamo u staqsieh x'kien hemm nieqes sabiex jottjeni dan is-self. Effettivament dan Godwin Mamo kien qalilhom li kienu raw il-*cash flow*, tellghuh il-Head Office u ma kkunsidrawx il-

*feasability* tal-*cash flow* kif kien maghmul. Mamo kien qallu wkoll li dan il-*cash flow* in kwistjoni kien nieqes minn certa informazzjoni dettaljata, per ezempju *balance sheets* tal-kumpanija u *supporting notes to the cash flow, underlying assumptions* u kif waslu ghal dawn is-somom. Dawn il-*marketing plans dettaljati* la kienu qed jiehdu in konsiderazzjoni l-VAT fil-*cash flow* u lanqas tal-pagamenti tal-loans.

Ix-xhud tenna li kien hemm sensiela ta' deficenzi. Ghalhekk kien qal lil Mamo li kien ser jerga' jitkellem mal-klijent u effettivament kien qallu li jekk iqabbadhom il-klijent hu kien lest li jaghmel *feasability report.* In segwitu' ghalhekk ghamel *feasable report* gdid. Ix-xhud esebixxa kopja ta' dan il-*feasability report* li ghamel hu li gie mmarkat bhala Dokument Z. Apparti dan ir-rapport ghaddew xi *addendums* lill-bank. Iprometta li jesebihom fis-seduta li jmiss. In segwitu' Godwin Mamo ra dan il-*feasability study* skrutinizzat, tellghu ghal darb' ohra il-*head office* u wara perjodu ta' zmien kienu tawhom risposta li kienu kkonfermaw it-talba taghhom. Mistoqsi jekk hemmx xi differenzi bejn ir-rapport mahrug mill-accountant li kellu qabel Fabian Vella u dak tieghu wiegeb li iva hemm diversi. Fil-fatt huwa esebixxa kopja tal-*email* li kien baghat lil Fabian fejn kien identifika n-nuqqasijiet fir-rapport li kien gie prezentat lilu mill-accountant ta' qabel, liema *email* il-Qorti mmarkat bhala dokument Z1. Meta ghamel ir-rapport, u l-*feasability report* tieghu li huwa mmarkat bhala dokument Z, dan indirizza l-istess nuqqasijiet li huwa kien diga' identifika fid-dokument Z1. Huwa qal li hemm diversi nuqqasijiet u dawn huma ndikati fid-dokument Z2. Mistoqsi jekk zammx xi laqghat mas-sur Vella meta kien qieghed jirredici r-rapport tieghu, wiegeb li naturalment zamm.

Huwa spjega li ma jaghmilx *cash flow forecast* qabel ma jistudja l-*underlining assumptions* mal-klijent u jezamina wkoll dak li effettivament jghidlu l-klijent

tieghu. Fil-fatt huwa qal li zamm diversi laqghat, u stqarr li jekk ghamel seba' dawn huma ftit. Mistoqsi jghid jekk thallasx mis-sur Vella ghax-xoghol wiegeb li iva thallas. Huwa ddikjara li hija l-prassi tieghu li jitlob pagament bil-quddiem qabel ma effettivament jibda bix-xoghol u meta jghaddi x-xoghol lill-klijent, dan ihallsu. Huwa ma jsibx oggezjoni li jirrilisja l-*invoice* li effettivamnet thallas taghha. Ix-xhud iprometta li jaghmel dan fis-seduta li jmiss. Huwa spjega li ha xi informazzjoni mir-rapport li kien gie mghoddi lilu mill-klijent tieghu, pero' naturalment dan bena fuqu. Fil-fatt sostna li jekk uza 10% mir-rapport precedenti dan huwa hafna. Ghalhekk ikkonferma li 90% mir-rapport tieghu huwa kompletament differenti. Huwa spjega li minn meta pprezenta r-rapport tieghu ghaddew xi xahrejn qabel ma harget is-*sanction letter* mill-bank. Fil-fatt huwa kien ifollowja din is-*sanction letter* u kien hemmhekk li rceviha, il-flus pero' ma haduhomx mill-ewwel ghax kien hemm *issues* ohra li xtaq jara l-bank. Qal li damu xi tmien xhur ohra biex hadu l-flus. Mistoqsi jekk intalabx xi informazzjoni wara li pprezenta r-rapport tieghu wiegeb li le, ma kienx mitlub biex jaghmel dan. Kien hemm informazzjoni fuq is-*security* u affarijiet legali.

Meta rega' xehed fil-5 ta' Dicembru 2013, **Arthur Douglas Turner** esebixxa fattura tax-xoghol li ghamel li giet immarkata bhala Dok. CSH. Esebixxa wkoll appendix tal-cash flow li giet immarkata bhala Dok. CSH1. Ghadda kopja tal-fesability report immarkat bhala Dok. Z a fol. 65. Ikkonferma li l-hlasijiet dovuti lilhom kienu jammontaw ghal €6490 inkluz il-VAT, kif muri fil-fattura, u dan tal-preparazzjoni tal-cash flow, talli zammew diversi laqghat, rapprezentanza lill-banek u tar-rapporti li saru. Sostna li biex ghamlu l-cash flow hadu xi tlieta jew erba' xhur, u dan wara li saru diversi laqghat u talab certu nformazzjoni w li jigu annessi certi agreements li kienu qed isiru ma' terzi, u dan in sostenn tat-talbiet tieghu u cioe' l-underlying assumptions. Sostna li hu jkun irid jithallas tax-xoghol li jkun ghamel indipendentement minn

jekk il-cash flow jghaddix jew le. Ikkonferma dak li kien qal precedentement, cioe' li huwa uza 10% biss mir-rapport tal-Corporate Advisor u cahad li uza 50%. Cahad ukoll li wzah kwazi kollu w li bidel biss ftit kliem. Sostna li ghamel diversi laqghat ma' terzi w li ghalhekk il-cash flow inbidel u meta l-bank beda jikkonsidra l-mudell il-gdid u anke meta ra l-kuntratti li Fabian Vella kellu ma' terzi, l-figuri kollha kellhom jinbidlu u ghalhekk il-figure section hija differenti. Spjega li l-figuri jigu mill-underlying assumption li l-accountant jaghmel fuq dak li jghidlu l-klijent u minn negozjati li dan ikun qed jaghmel fit-trattati li jkun qed jiddiskuti ma' terzi. Qal li l-figuri ma jigux ivvintati. Zied li barra dak li jghidlu l-klijent huwa joqghod ukoll fuq rapprezentanza ohra ta' kuntratti, biex meta jitla' l-bank jkun solidu fl-approach li jiehu. Pero' stqarr li l-informazzjoni tinbena minn dak li jkun qal il-klijent. Mistoqsi jekk jafx x'ta Fabian Vella lil Corporate Advisor, wiegeb li jaf ghaliex ra dak li kien hemm miktub fil-business plan mahrug mill-Corporate Advisor.

Gie muri d-dokument esebit fl-atti a fol. 177 li huwa Forecast Income Statement for 5 years (2013-2017), u meta gie mistoqsi kif ipprogetta cash flow ta' €300,000 wiegeb li dawn ser jigu derived minn operations ta' Beauty Clinic, Nutritional Centre, Weight Loss u Fitness Centre, Wellness Spa and Medical Consultance Services.

Qal li filfatt ix-xoghlijiet bdew. Ikkonferma li huwa minn li l-ground floor huwa hanut tal-ghamara u li l-Beauty Centre kien ser ikun fuq. Huwa tkellem ma' Godwin Mamo tal-Bank of Valletta, Msida Branch.

Illi fit-13 ta Frar 2014 xehed **Godwin Mamo** fil-kariga tieghu ta' Head ta' wiehed mill-business centres tal-Bank of Valletta. Ikkonferma li Fabian Vella

kien avvicina lill-bank biex jinghata facilita'. Spjega illi Vella per se ma inghata l-ebda facilita', izda din inghatat lil kumpanija YUE Limited li tappartjeni lil Fabian Vella u li Vella kien mar jitkellem f'isem din il-kumpanija fejn qalilhom li kien qed jaghmel progett gdid gewwa proprjeta' fit-telgha tan-Naxxar. Qal li bhala progett dan kien wiehed pjuttost gdid ghal Malta, fejn kien ser ikun hemm kumpless, tipo ta' Health Centre pero' mhux bhala kura medicinali izda aktar biex tiehu hsieb is-sahha. Qal li huma kienu ltaqghu mas-Sur Vella li kien tahom spjegazzjoni dettaljata tal-progett li kellu u huma talbuh feasibility study, business plan u projections u affarijiet ancillary u relatati ma' din it-talba. Filfatt dawn kien ghaddihomlhom fl-ewwel laqgha li kellhom u sussegwentement kien ghaddielhom dokumentazzjoni ohra minghand l-accountants li kien qabbad, cioe' Patrizio Prospero. Qal li kien urihom id-dokument YEU a fol. 22 et seq. Spjega li l-analizi ta' dan id-dokument issir minn relationship manager u wara jkomplu jaraw x'hemm bzonn u tibda l-procedura skond il-policies tal-bank. Sussegwentement, il-Bord kien iddecieda li a bazi fuq dan il-business plan Dok. YUE, ma kienx lest li jghaddi l-facilita' ghax kien ser ikun above average risk u l-bank ma kienx lest li jidhol ghat-tip ta' self kif kien prezentat lilu f'dan id-dokument.

Avzaw lil Vella w ftit wara dan xtaq iressqilhom proposta ohra b'business plan differenti u pprezentalhom id-Dok. Z a fol. 151 li hu Feasibility Report for the Period ending 1 January 2012 to 31 December 2017. Dan rega' ghadda mill-istess procedura bhal qabel w din id-darba l-Bord accetta li jaghti self a bazi ta' dan ir-rapport. Qal li dak li pprezentat fir-rapport YUE Dok Z a fol. 151 kien aktar accettabbli ghall-bank u ghalhekk hassu iktar komdu jsellef lil Fabian Vella. Ix-xhud qal li sa fejn jiftakar saru xi tlieta jew erba' laqghat bejn il-bank u Patrizio Prospero ghan-nom ta' Vella bejn Marzu u Mejju 2012. Ikkonferma li Prospero hareg dokument iehor pero' mbaghad ir-relationshiop manager ta'

dak iz-zmien kien gie mgharraf biex jieqaf milli jahdem fuq dik il-proposta u ma komplewx.

Spjega li fl-ewwel feasibility report esebit minn Prospero, l-idea kienet li r-resotrant kien se jitmexxa mid-direttur tal-kumpanija YUE filwaqt li fit-tieni rapport dan kien se jigi outsourced. Cahad li l-bank ma kienx sellef lil Vella a bazi tal-ewwel rapport ghax ma kienx kuntent li r-restorant kien se jigi gestit mill-konvenut, u dan ghaliex il-bank kien qed ihares lejn il-progett b'mod holistiku. Spjega li r-relationship officer jistudja kull rapport fil-fond u decizjoni bhal din tittiehed mill-Head Office. Stqarr li l-Business Centre kien ghogbu l-progett kif propost originarjament u ghalhekk irrakkomanda li tinhareg il-facilita', pero' d-decizjoni ma kinitx taghhom. Kompla jispjega li fit-tielet rapport (Dok. Z) kien hemm inkluz Memorandun of Understanding minn professjonisti li kienu qed jiddikjaraw li kienu lesti jidhlu f'din l-attivita', kien hemm ftehim dwar il-kera fejn kien hemm indikat li mhix se tithallas kera sakemm il-kumpanija tkun qed taghmel qliegh u sostna li dan kollu deher aktar attraenti f'ghajnejn il-bank. Oltre dan kien hemm li r-restorant kien se jigi out sourced. Ammetta li ma tantx kien ta kaz tat-tieni rapport ta' Prospero peress li twaqqfu milli jahdmu fuqu.

Spjega li huma jtellghu il-proposti lill-Office Department Business Lending li dak iz-zmien aktarx li kien immexxi minn Jonathan Fenech Adami. Spjega li din it-talba kienet saret taht il-Jermie Loan Scheme kontrollata mill-European Investment Bank. Sostna li l-persuna l-iktar idoneja li twiegeb tali domandi hija Jonathan Fenech Adami.

**Jonathan Fenech Adami** xehed fil-5 ta' Gunju, 2016 fejn iddikjara li huwa jahdem fil-Financial Markets tal-Bank of Valletta u li sa Gunju 2013 kien jokkupa l-kariga ta' Executive Head fil-Credit Department. Qal li f'xoghlu huwa ma jiltaqax mal-klijent u li l-ground work u l-analizi jsir kollu minn Godwin Mamo u t-tim kollu tal-Business Centre tal-bank. Spjega li wara din l-analizi, l-business centre iressaq il-proposti tieghu lill-Head Office u hawnhekk jidhol hu fejn jissindika l-operat taghhom. Ghalhekk, iddikjara li huwa l-inkarigu tieghu li jaccetta jew jirrifjuta l-proposti.

Qal li jiftakar li kien hemm proposta dwar progett gdid fin-Naxxar li kien jirrigwarda medical and beauty clinics, restaurant u servizzi ta' physiotherapy, kollox f'kumpless wiehed. Qal li l-ammont mitlub bhala self kien wiehed kbir, hames mija w tletin elf Ewro (€530,000) u huwa hassx li ma kellux ipoggi l-bank f'riskju w allura rrifjuta l-proposta. Qal li l-kalkoli kienu approssimattivi w mhux attwali. Zied li l-projections li ra f'April 2012, ma kienux konvincenti. F'Settembru 2012, l-istess Fabian Vella kien ipprezenta proposta ohra izda fl-ammont ridott ta' €365,000 u stante li l-ammont kien inqas, ir-riskju kien inqas ukoll u allura dehrlu li kellu jaccetta l-proposta. Spjega li fl-ewwel proposta kien hemm business plan fejn ir-restaurant kellu jkun operat minn Fabian Vella stess, filwaqt li fit-tieni proposta dan kien gie leased out u ghalhekk ma kienx hemm bzonn kapital ghalih. Qal li ovvjament peress li r-restaurant ma kienx se jkun taghhom, l-intake ta' cash kien se jkun inqas ukoll. Dan kollu biddel l-affarijiet u l-bank deherlu li seta' jaccetta t-tieni proposta, ghalkemm ikkummenta li dwar figuri ma setax jikkummenta bl-amment. Sussegwentement Fabian Vella inghata loan, naturalment wara li nharget sanction letter u subject to conditions hemm imsemmija. Ikkonferma li ma kinux accettaw l-ewwel proposta peress li l-ammont mitlub kien ikbar u l-projections kienu differenti u waslu biex accettaw it-tieni projections fejn l-

ammonti kienu izghar. Zied li l-kwistjoni tar-restaurant kienet wahda mid-differenzi kbar li kien hemm bejn l-ewwel u t-tieni projection.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Gunju, 2014 fejn fuq talba tal-konvenut u peress li l-Qorti dehrilha li ghandha bzonn sengha specjali biex tezamina l-projections, hija nnominat lill-Espert Komputista Paul Giglio a spejjez provizorjament tal-konvenut.

Rat ukoll id-digriet taghha tal-15 ta' Jannar 2015 fejn l-Espert Komputista gie sostitwit bis-Sur Paul Mifsud bil-ghan sabiex jigi verifikat jekk l-ezercizzju li sar mill-atturi kienx wiehed korrett jew le. L-espert gie pprojbit milli jisma' provi mill-gdid, izda seta' biss jirrelata fuq il-provi gja migbura w mismugha quddiemha u f'kaz li jidhirlu li hija mehtieg xi spjegazzjoni partikolari dwar il-provi inseriti fl-atti, kellu fl-ewwel lok jinforma lill-Qorti b'din ir-rikjesta tieghu sabiex ikun hemm direzzjoni minghandha.

Illi nhar it-12 ta' Jannar 2016 xehed il-**Perit Komputista Paul Mifsud** u kkonferma li kien qeda l-inkarigu moghti lilu u pprezenta r-relazzjoni tieghi li giet mmarkata bhala Dokument PM.

Fir-relazzjoni tieghu il-Perit Tekniku jghid illi sab is-segwenti nuqqasijiet/zbalji:

1. *"Imghax ipprogettat mahdum hazin b'differenza ta' €82k matul l-ghaxar snin.*

2. *Profitt ghall-ghaxar snin ikkalkulat hazin peress li gie ommess id-'Direct Costs' ta' €214k.*

3. *90%biss tad-dhul 'Multipurpose Area' u 'Dancing Classes' qed jigi rregistrat li se jingabar. Ma tinghatax spjegazzjoni tar-rimanenti 10%.*

4. *Flus iggenerati mid-dhul ma taqbilx mal-istess dhul matul l-ghaxar snin peress li filwaqt li d-dhul qed jizdied b'5% fis-sena, il-flus generate qed jizdiedu bi 3% biss.*

5. *Flus imhallsin ghal 'Direct Costs' ma taqbilx mal-istess spejjez peress li waqt li d-Direct Costs qed jizdiedu b'5% fis-sena, l-flus imhallsin baqghu l-istess matul l-ghaxar snin.*

6. *Flus imhallsin ghall-'Administrative Costs', 'Operative Costs' u 'Marketing Costs' huma iktar mill-ispejjez per se. Dan jirrizulta ghaliex filwaqt li l-ispejjez huma pprogettati li jizdiedu bi 3% fis-sena, l-pagamenti huma pprogettati li jizdiedu b'4% fis-sena.*"

Il-Perit Tekniku ghamel ukoll sommarju ta' informazzjoni nieqsa:

1. *Il-proposta specifika lill-bank fejn jinghata informazzjoni tal-valur tal-investiment, x'persentagg/valur ser johrog l-investitur u x'persentagg/valur qed jintalab mill-bank hija nieqsa.*

2. *Ma gew irregistrati ebda 'assumptions' dwar kif wiehed wasal ghall-figuri li qed jigu pprogettati, bhal per ezempju kif gie ddeterminat li d-dhul jizdied b'rata ta' 5% fis-sena.*

3. *Imkien fil-'projections' ma jissemma kif ser jigi mhallas l-investiment li hemm bzonn isir ghall-progett.*

4. *Imkien fil-'projections' ma ssir referenza ghall-'Balance Sheet' u l-informazzjoni necessarja li tohrog minnha.*

5. *Imkien fil-'projections' ma tinghata referenza jew spjegazzjoni ta' taxxi dovuti u pagamenti kontriehom li ghandhom ukoll jitqiesu bhala hrug li jhallu effett fil-'cashflow' tal-'projections'.*

6. *Ghalkemm f'foglio 49 jidher notament tal-ammont tal-'loan' u pagament ta' xahar imkien fil-'projections' ma jidher dokument li juri fid-dettal il-presupposti tal-facilita' necessarja matul l-ghaxar snin tal-'projections'.*

Il-Perit spjega li l-analizi moghtija hawn fuq hija bbazata fuq il-'Business Plan' immarkat bhala Dok. YUE foglio 22-37. Il-Perit Tekniku analizza wkoll Dok. X foglio 48-54 u Dok. Y foglio 55-61 li huma l-parti finanzjarja ta' zewg 'Business Plans' ippreparati mill-attur. Il-Perit Tekniku jinnota li l-figuri f'Dok. X huma ugwali ghall-figuri f'Dok. YUE u ghalhekk jikkonferma li huma l-istess parti finanzjarja tal-'Business Plan'. Meta gie analizzat il-'Business Plan' immarkat bhala Dok. Y il-Perit Tekniku jikkonferma li ghalkemm il-figuri

huma differenti miz-zewg 'Business Plans' imsemmija hawn fuq, l-istess anomaliji li nstabu f'Dok. YUE kienu wkoll f'Dok. Y.

Peress li fil-'Business Plans' li gew analizzati nstabu kemm l-izbalji kif ukoll instabet informazzjoni essenzjali nieqsa, kif deskritta hawn fuq, il-Perit Tekniku mhuwiex tal-opinjoni li l-ezercizzju li sar mill-atturi huwa wiehed korrett."

**Ikkunsidrat.**

Illi il-fatti in breve li taw lok ghal din il-kawza kienu is-segwenti:-

L-atturi ipprezentaw rikors fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallshom is-somma ta' teltt elef u tmien mitt Ewro (€3,800) rapprezentanti din is-somma servizz moghti minnhom lilu, liema servizz kien jikkonsisti f'illi l-konvenut kellu jghaddi xi informazzjoni lill-atturi u dan bil-ghan li huma jippreparaw rapport li kellu jigi prezentat lil bank sabiex a bazi tal-*projections* hemm imsemmija l-konvenut jottjeni *loan* mill-bank sabiex jiffinanzja l-business tieghu.

M'hemmx dubbju li saru diversi laqghat bejn l-atturi u l-konvenut ghal dan il-ghan, tant li l-atturi hejjew tliet rapporti. L-konvenut kien ipprezenta tnejn minhom lill-bank. Jirrizulta wkoll pero' li a bazi ta' dawn iz-zewg rapporti il-bank ma kienx lest li jiffinanzja l-*loan* mitlub. Ghalhekk l-atturi hejjew it-tielet rapport liema rapport pero' ma inghatax lill-bank. Nel frattemp il-konvenut mar ghand accountant iehor, certu Arthur Douglas Turner li ghamillu rapport u a bazi ta' dan ir-rapport il-bank awtorizza il-*loan*.

Ili l-atturi kienu baghtu kont lill-konvenut sabiex jithallsu tas-servizz li huma kienu tawh, pero' cio' nonostatne dan baqa' ma hallasx il-kont u kien ghalhekk li gie pprezentat ir-rikors odjern.

Min-naha tieghu il-konvenut jghid li ma kienx dispost ihallas il-kont pendenti ghaliex ix-xoghol li sar mill-atturi ma sarx skond is-sengha w l-arti tant li a bazi tar-rapport taghhom ma hax il-*loan* waqt li meta biddel l-accountant it-talba tieghu ghal-*loan* giet milqugha.

Kien ghalhekk li din il-Qorti ghaddiet sabiex tinnomina Perit Komputista peress li l-mertu in kwistjoni kien wiehed ta' natura teknika, w cioe' jekk ix-xoghol esegwit mill-atturi kienx skond is-sengha w l-arti. Il-Qorti ghalhekk innominat lill-Accountant Paul Mifsud li in segwitu' hejja ir-rapport tieghu li jinsab esebit fl-atti a fol. 264 et seq.

Id-difiza ta' l-attur kienet fis-sens li l-atturi ghamlu xogholhom u ghalhekk ghandhom jithallsu w il-hlas taghhom ma jiddependix fuq jekk il-konvenut hax il-*loan* jew le ghaliex dik il-kwistjoni ma tiddependix minnhom izda tiddependi mid-diskrezzjoni tal-bank. In oltre d-difiza sostniet li l-atturi ghandhom jithallsu tax-xoghol li ghamlu w tal-laqghat li zammew in konnessjoni mal-istess. Waqt li d-difiza tal-konvenut kienet fis-sens li l-konvenut m'ghandux ihallas ghax-xoghol supplit mill-attur peress li dan ma sarx skond *is-sengha u l-arti* w b'hekk l-atturi ma esegwewx l-appalt moghti lilhom b'mod korrett.

Meta tinqala` tilwima dwar appalt, tnejn huma generalment il-kwistjonijiet li Qorti ghandha tikkunsidra: –

(1) jekk l-ezekuzzjoni tax-xoghol kommissjonat saritx skond l-ispecifikazzjonijiet u l-pattijiet l-ohra stipulati ; u

(2) jekk l-ezekuzzjoni u l-prodott finali kienx konformi mar-regoli ta` l-arti u tas-sengha.

Il-gurisprudenza hija konkordi fl-affermazzjoni li l-appaltatur mhux biss ghandu jezegwixxi x-xoghol mertu tal-appalt, izda ghandu jassikura wkoll li dak ix-xoghol ikun jiswa kemm ghal dik li hija bonta` kif ukoll ghal dik li hija adattabilita` ghall-uzu li ghalihom l-appaltant ikun ippjazza l-ordni.

Fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "**Darmanin vs Agius**" deciza fid-9 ta` Ottubru 2004, kien inghad hekk *inter alia* –

*Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b`mod li `l quddiem juri difetti.*

*L`imprenditore ha l`obbligo di eseguire bene l`opera commessagli, secondo i dettami dell`arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (Kollez Vol.XXVII.I.373). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi lbonta` tax-xoghol tieghu" (Kollez Vol XL.I.485).*

*It-tieni principju jghid illi "l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta` l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (Kollez. Vol XXXVII.III.883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f`kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol, jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu `l quddiem" (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe**", Appell Kummercjali, 27 ta` Marzu 1972). Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI.I.667) jew l-*

*appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent.*

*L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta` l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina propju (ara l-Art.1069[2] tal-Kap.16) ghaliex huwa jitqies in kolpa minhabba l-inadempiment ta` obbligazzjoni kontrattwali. Naturalment l-onus tal-prova ta` danni tibqa` tispetta lil min jallega li garrab danni u dan in linea mar-regola generali."*

Il-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni taghha tat-13 ta' Frar 1997 fil-kawza fl-ismijiet "**Nazzareno Vassallo *nomine* -vs- Edward Maggi**"irriteniet li :-

*"F'kazijiet bhal dak de quo dak li ghandu l-aktar importanza huwa x'ezattament ikun gie miftiehem bejn il-partijiet dwar in-natura u l-kwalita` tax-xoghol li jkun ser isir u l-esperjenza tghallem illi l-kwestjonijiet jinqalghu ghaliex wiehed mill-partijiet jew it-tnejn ma jkunux approfondew sew it-termini tal-ftehim biex ma jinqalax inkwiet u disgwid wara."*

Din is-silta turi, jekk kien hemm bzonn li jigi kull darba ripetut, kemm hu importanti illi qabel ma wiehed jintrabat, jivverifika u jippreciza sew, l-ahjar b'mod espress, il-lista tax-xoghlijiet li jkunu jridu jigu ezegwiti, il-prezz u l-kondizzjonijiet korrelatati;

Dan qed jigi rilevat in kwantu kif pacifikament akkolt f'bosta sentenzi jekk jirrizulta li x-xoghol ma jkunx kompletat u sewwa, l-appaltatur ma

jkollux dritt ghall-ebda parti mill-hlas jekk id-difetti rizultanti jaffettwaw il-kwazi generalita` tax-xoghol intraprez mill-attur ("**Carmelo Mallia –vs- Ivan John Fonk**", Appell Civili, 24 ta' Jannar 1975) u l-konvenut ikollu dritt, f'sitwazzjoni simili, jopponi l-"*exceptio non rite adempleti contractus*" ghad-domanda li ssirlu ghall-hlas ("**Francis Spiteri *nomine* -vs- Emmanuele Cassar**", Appell Civili, 14 ta' Marzu 1975);

Dan normalment jissucciedi fejn ikun jirrizulta li x-xoghol ezegwit ikun affett minn vizzji sostanzjali li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita` taghha, b'mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-destinazzjoni proposta mill-kommittent jew indikata min- natura stess tax-xoghol ("**Robert Micallef –vs- Joseph Mamo *proprio et nomine*** a Vol XXX P III p 433).

Illi fil-kaz in desamina jirrizulta kond ix-xhieda moghtija mill-attur Patrizio Prospero stess a fol. 15 li l-konvenut kien mar ghandu u talabhom ghal xi pariri dwar finanzi sabiex jaghmel negozju gdid, u ghalhekk kellu bzonn 'business plan'. *Ex admisses* ighid li "He needed this in order to get a bank loan in order to finance his project. Project regarding the setting up of a multifunctional area which include a restaurant and a gym and some offices which doctors use as clinics and this with regards to a holistic approach to health. In particular I required some financial details and also some marketing research which Mr. Vella had carried out himself. Actually we could not go ahead without such basic information. Mr. Vella sent us these details and the workings he had and also the marketing analysis which he had carried out. Then I compiled the business plan upon the marketing analysis. We saw the financial projections, the profit and loss, the cash flow and whatever was

necessary, assets, liabilities in order to get our evaluations….” Dan ifisser li effettivament il-konvenut ta l-informazzjoni rikjesta minnu mill-atturi sabiex b'hekk l-atturi hejjew ir-rapport taghhom. Imkien ma jghidu l-atturi li ma setghux jaghmlu dak mitlub minnhom jew li a bazi ta' l-informazzjoni li giet moghtija lilhom it-talba tal-konvenut ma setghetx tigi milqugha. Anzi jirizulta l-oppost, ghaliex l-atturi ghamlu diversi laqghat mal-bank ghaliex emmnu fil-*projections* li hejjew. Naturalmtent kieku ma emmnux fihom ma kienux jipprezentawhom lill-bank. Dan hu gja indizju li l-atturi ma kienux jafu dak li hu rikjest mill-bank, ghaliex kieku kienu jieqfu mill-inkarigu taghhom u jghidu lill-konvenut li dak li kien qed jitlob ma kienx ser jinghatalu ghal diversi ragunijiet li kellhom jispjegaw lill-konvenut. Imkien ma jirrizulta dan.

In oltre jekk il-Qorti tezamina ix-xhieda li nghatat minn Arthur Douglas Turner, ghandu jirrizulta li anke fil-fehma tieghu ix-xoghol li ghamlu l-atturi ma kienx skond is-sengha w l-arti w dan ghaliex jghid li kien hemm sensiela ta' deficenzi fir-rapporti mahruga minnhom . Huwa fil-fatt kien ghamel *feasible report* gdid li gie mmarkat bhala Dokument Z. Apparti dan ir-rapport ghadda xi *addendums* lill-bank. Mistoqsi jekk kienx hemm xi differenzi bejn ir-rapport mahrug mill-attturi u dak tieghu wiegeb li iva hemm diversi, kif jidher minn kopja tal-*email* ( Dok Z1) li Turner kien baghat lil Fabian Vella fejn kien identifika n-nuqqasijiet fir-rapport li kien gie prezentat lilu mill-accountant ta' qabel. Meta ghamel ir-rapport, u l-*feasibility report* tieghu (dokument Z), dan indirizza l-istess nuqqasijiet li huwa kien diga' identifika fid-dokument Z1. Huwa qal li kien hemm diversi nuqqasijiet u dawn huma ndikati fid-dokument Z2.

Jirrizulta minn ezami ta dak li qal l-attur Patrizio Prospero, li l-konvenut ipproceda bl-informazzjoni kollha rikjesta mill-atturi, u kien ghalhekk li l-atturi naqsu, billi ma qalux lill-konvenut li a bazi ta' dak moghti lilhom minnu it-talba

tieghu ma setghetx tigi milqugha. Jirrizulta pero' li a bazi tal-informazzjoni moghtija mill-konvenut, kif *del resto* anke tghid l-avukat difensur tal-atturi fit-trattazzjoni taghha, l-accountant il-gdid (u cioe' Arthur Douglas Turner) uza l-istess informazzjoni meta hejja r-rapport tieghu, u cio' nonostante l-konvenut inghata l-facilita'. B'hekk zgur li kien hemm xi diskrepanza bil-mod kif gie pprezentat ir-rapport, ghaliex kieku l-bank ma kienx ser ibiddel il-fehmiet tieghu. Dwar id-differenzi li kien hemm issir referenza ghax-xhieda li taw ir-rapprezentatni tal-bank, u cioe' Godwin Mamo u Jonathan Fenech Adami aktar 'il fuq.

Il-Qorti rat li l-materja taht ezami kienet wahda purament teknika u kien ghalhekk li ghaddiet sabiex tinnomina accountant independenti sabiex jigi stabbilit jekk ix-xoghol li sar mill-atturi kienx skond is-sengha w l-arti. Issa skond ir-rapport tal-perit komputista Paul Mifsud, jirrizulta li kien hemm nuqqasijiet fix-xoghol esegwit mill-atturi (kif *del resto* sostnew Arthur Douglas Turner u z-zewg rapprezentanti tal-bank) u huwa elenka dawn in-nuqqasijiet u zbalji fir-rapport tieghu kif fuq imsemmija w jghid li kien minhabba f'hekk li l-facilita' ma inghatatx, ghaliex kellhom kalkoli hziena li kienu ta' importanza ghall-ezitu ta' dan il-*business plan*.

Il-Qorti tirrileva illi kien doveruz fuq l-atturi illi jassikuraw li x-xoghol li jezegwixxu jsir utilment. Dan anke ghaliex kif akkolt mill-gurisprudenza, jekk bniedem jaghmel xoghol li jirizulta inutili hu ma ghandux dritt jithallas ta' xoghlu, li ghamel inutilment, "*ghax la kien jaf b'dik l-inutilita` u li x-xoghol kien kontra s-sengha ma kienx imissu ghamel dak ix-xoghol, u lanqas kien imissu ikkarika lill-kommittent bl-ispiza tal-materjal relattiv*" (**Vol. XL P I p 485**). Is-senjalazzjoni tal-atturi f'dan il-kuntest kienet tikkoncerna

l-preparazzjoni ta' rapport li l-konvenut kellu eventwalment jipprezenta lill-bank biex jottjeni *loan* sabiex jiffinanzja il-progett tieghu.

Din il-Qorti tghid li konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzjonijiet ta` natura teknika ta` perit mahtur mill-Qorti bhal dawk li saru fil-kaz tal-lum jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista` jasal ghad-decizjoni tieghu.

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell irriteniet li -

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B`danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b`lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta`natura teknika.*

Fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta` Settembru 2003 fil-kawza "**Grech et vs Grech et**", din il-Qorti diversament presjeduta (PA/JRM) rriteniet –

*Bil-ligi u b`harsien tal-massima dictum "expertorum numquam transit in rem judicatam" il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta` perit mahtur minn qorti u maghmula f`rapport imressaq minnu m`humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta` fatt, specjalment f`oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m`ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta` periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfacjentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli.* (ara wkoll – "**Bugeja et vs Muscat**" – Appell Kummercjali –23 ta` Gunju 1967).

Ir-rigett minn Qorti ta` l-opinjonijiet ta` perit tekniku ma jistax isir *b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha trid tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* ("**Grima vs Mamo et noe**" **–** Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998)**.**

Ghalhekk 'in fin dei conti` *qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta.*

Huwa minnu li waqt it-trattazjoni taghha, l-avukat difensur tal-atturi ghamlet diversi acenni fuq l-integrita' o meno tal-perit komputista, pero' tali asserzjonijiet gratwiti ma jirizultaw minn imkien u ghalhekk din il-Qorti sejra

tiskarthom *in toto* u in oltre tispjega li tali kummenti zejda u superfluwi ma jaghmlux oneru la lill-avukat li qed tiddefendi l-kawza u wisq inqas lill-atturi li wisq probabbli kienu huma li gharrfu lill-avukat taghhom bihom.

*Il-konvinzjoni tal-Qorti sabeix takkolji rapport ta' perit nominat bhala eseprt ghandha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* ("**Cauchi vs Mercieca" –** Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 u **"Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000).

Fil-kawza tal-lum, il-hatra tal-perit tekniku kienet limitata fis-sens li huwa kien nnominat skond digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Gunju 2014 ( fol. 247) sabiex janalizza iz-zewg *projections* esebiti f'dawn l-atti imhejjija mill-atturi bil-ghan sabiex jigi verifikat jekk l-esercizzju li sar mill-atturi kienx wiehed korrett jew le u sabiex wara jressaq il-kostatazzjonijiet tieghu dwar jekk l-inkarigu li ghamel l-attur kienx skond is-sengha w l-arti. Il-perit tekniku fisser ir-ragunijiet li wasslu ghall-konkluzjonijiet tieghu. Din il-Qorti tqis ragonevoli u ben sostnuti l-osservazzjonijiet tal-perit tekniku. Ghaldaqstant din il-Qorti ma ssibx ragunijiet fondati ghaliex ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet peritali. Aktar u aktar fil-kaz tal-lum fejn il-partijiet ma talbux il-hatra ta` Periti Addizzjonali, u lanqas iressqu l-icken sottomissjoni jew kritika ta` ebda xorta ghar-rapport peritali, izda ghazlu li jeskutu l-perit tekniku.

Ghalhekk il-Qorti tghid li dawk il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku jimmeritaw li jkunu ben akkolti minn din il-Qorti anke ghaliex kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Frar 2001 fil-kawza **"Camilleri noe vs Debattista"** *ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex*

*serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu,imam wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b`mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu.*

**Konsegwentement din il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut billi tichad it-talba tar-rikorrenti.**

**L-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-hatra tal-Perit Komputista, huma a karigu tal-attur proprio et nomine**.

**Dott. C. Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**